

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1183/2012

tat-30 ta' Novembru 2012

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (a) u (e) tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 12(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel ⁽²⁾ jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' monomeri, sustanzi u addittivi oħra ta' bidu li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastik. Riċentament l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ippubblikat evalwazzjonijiet xjentifiċi favorevoli għal sustanzi addizzjonali li issa għandhom jiżdiedu mal-lista attwali.
- (2) Għal ċerti sustanzi oħra, ir-restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet li huma stabbiliti diġà fil-livell tal-UE għandhom jiġu emendati abbażi ta' evalwazzjoni xjentifika favorevoli għada mill-Awtorità.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (4) Is-sustanza bin-Numru tas-Sustanza 257 tal-Materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel u l-isem dipropileneġlikol hija awtorizzata li tintuża bħala addittiv fil-plastiks fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 u elenkata bin-Numru tal-CAS 0000110-98-5. Fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE tas-6 ta' Awwissu 2002 dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel ⁽³⁾ kien hemm referenza għal din is-sustanza bin-Numru tal-CAS 0025265-71-8. Din ir-referenza tħassret hekk kif daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) Nru 10/2011 li ssostitwixxa d-Direttiva

2002/72/KE, peress li tqieset superfluwa. Madankollu, meta wieħed iqis li n-Numru tal-CAS 0025265-71-8 jirreferi għat-taħlita użata kummerċjalment ta' isomeri minflok għas-sustanza pura, dan għandu jiddaħħal mill-ġdid fir-Regolament (UE) Nru 10/2011. In-Numru tal-CAS 0000110-98-5 għandu jibqa' fit-Tabella 1.

- (5) In-Nota ta' Konformità Nru (4) fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 tagħmel referenza ambigwa għas-simulant D, fejn hija maħsuba li tirreferi għas-simulant D2. Għaldaqstant, in-Nota Nru (4) għandha tirreferi għas-simulant D2.
- (6) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (7) Sabiex jiġi llimitat il-piż amministrattiv għall-operaturi tan-negozju, materjali u oġġetti tal-plastik li tqiegħdu b'mod legali fis-suq abbażi tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 10/2011 u li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu jistgħu jiġu importati u mqiegħda fis-suq sa sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Dawn għandhom ikunu jistgħu jibqgħu fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik li tqiegħdu fis-suq legalment qabel l-1 ta' Jannar 2013 u li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq sal-1 ta' Jannar 2014. Dawn il-materjali u l-oġġetti tal-plastik jistgħu jibqgħu fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Tabella 1 għas-sustanza li ġejja, il-kontenut tal-kolonna (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)
257	13550 16660 51760	0000110-98-5 0025265-71-8	dipropileneogli-kol	iva	iva	le				

(2) Fit-Tabella 1 għas-sustanza li ġejja, il-kontenut tal-kolonna (8) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)
449	49840	0002500-88-1	diottadeċil disulfid	iva	le	iva	0,05			

(3) Fit-Tabella 1 għas-sustanza li ġejja, il-kontenut tal-kolonna (8) u (9) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)
180	17160	0000097-53-0	ewġenol	le	iva	le		(33)		

(4) Fit-Tabella 1 għas-sustanzi li ġejjin, il-kontenut tal-kolonna (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)
807	93485	—	nitrid tat-titanju, nanopartikoli	iva	le	le			L-ebda migrazzjoni ta' nanopartikoli ta' nitrid tat-titanju Għandha tintuża biss f'polietilenterefat (PET) sa 20 mg/kg Fil-PET, l-agglomerati għandhom dijametru ta' 100 – 500 nm li jikkonsisti f'nanopartikoli primarji ta' nitrid tat-titanju; il-partikoli primarji għandhom dijametru ta' madwar 20 nm.	
865	40619	0025322-99-0	(butil akrilat, metil metakrilat, butil metakrilat) kopolimeru	iva	le	le			Għandha tintuża biss: (a) f'poli(klorur tal-vinil) (PVC) riġidu flivell massimu ta' 1 % w/w; (b) faċidu polilattiku (PLA) flivell massimu ta' 5 % w/w.	
868	53245	0009010-88-2	(etil akrilat, metil metakrilat) kopolimeru	iva	le	le			Għandha tintuża biss: (a) f'poli(klorur tal-vinil) (PVC) riġidu flivell massimu ta' 2 % w/w; (b) faċidu polilattiku (PLA) flivell massimu ta' 5 % w/w; (c) f'polietilenterefat (PET) flivell massimu ta' 5 % w/w.	

(5) Fit-Tabella 1 il-linji li ġejjin huma mdaħħla f'ordni numerika tan-numri tas-Sustanza tal-Materjal li jiġi f'Kuntatt mal-Ikel:

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)
858	38565	0090498-90-1	3,9-bis[2-(3-(3-tert-butyl-4-idrossi-5-metilfenil)propjonilossi)-1,1-dimetiletil]-2,4,8,10-tetraossaspiro[5,5]undekan	iva	le	iva	0,05		Limitu ta' migrazzjoni speċifika espress bħala t-total tas-sustanza u tal-prodott tal-ossidazzjoni 3-[(3-(3-tert-butyl-4-idrossi-5-metilfenil)prop-2-enilossi)-1,1-dimetiletil]-9-[(3-(3-tert-butyl-4-idrossi-5-metilfenil)propjonilossi)-1,1-dimetiletil]-2,4,8,10-tetraossaspiro[5,5]-undekan tiegħu f'ekwilibriju mal-para kinon metid tawtomeru	(2)
874	16265	0156065-00-8	α -dimetil-3-(4'-idrossi-3'-metossifenil)propilsililossi, ω -3-dimetil-3-(4'-idrossi-3'-metossifenil)propilsilil polidimetilsilossan	le	iva	le	0,05	(33)	Għandha tintuża biss bħala komonomeru fil-polikarbonat modifikat tas-silossan It-taħlita oligomerika għandha tkun ikkaratterizzata mill-formula $C_{24}H_{38}Si_2O_5(SiOC_2H_6)_n$ ($50 > n \geq 26$)	
902		0000128-44-9	1,2-benzisotijazol-3(2H)-wieħed 1,1-diossidu, melħ tas-sodju	iva	le	le			Is-sustanza għandha tikkonforma mal-kriterji speċifiċi dwar il-purità kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 ⁽¹⁾	
979	79987	—	kopolimeru (polietilentereftalat, polibutadjen idrossilat, anidride piromellitiku)	iva	le	le			Għandha tintuża biss f'polietilentereftalat (PET) f'livell massimu ta' 5 % w/w	

⁽¹⁾ ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1.

(6) fit-Tabella 2 il-linja li ġejja hija mdaħħla f'ordni numerika tan-numri tar-restrizzjoni tal-grupp:

(1)	(2)	(3)	(4)
Nru tar-restrizzjoni tal-grupp	Nru. tas-sustanza tal-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel	Il-Limitu ta' Migrazzjoni Speċifika (Totali) [mg/kg]	Speċifikazzjoni tar-restrizzjoni tal-grupp
33	180 874	ND	espress bħala ewġenol

(7) Fit-Tabella 3 dwar il-verifika tal-konformità, il-kontenut tan-nota (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(1)	(2)
Nota Nru	Nota dwar il-verifika tal-konformità
(4)	L-ittestjar tal-konformità fejn ikun hemm kuntatt ta' xaħam għandu jsir bl-użu ta' simulanti li jassorbu ikel imxaħħam bħas-simulant D2.